MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Numru. 908/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Brady Tonna**

**Illum 19 ta' Settembru, 2013**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

**Brady Tonna,** ta' 21 sena, iben Gesomond u Giovanna Antida xebba Scicluna, imwieled Pieta', fil-11 ta' Gunju, 1992, residenti 15, Triq Sant Eliena, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 310192(M);

Akkuzat talli:

1. Xi zmien fis-sena 2013 f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' television ta' ghamla Toshiba.
2. Ukoll aktar talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil Antonella Carter Olivari biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra d-dixxendenti/axxendenti tieghu.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Antonella Carter Olivari billi jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fuq l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

Il-Qorti ssib lill-akkuzat hati bir-ricettazzjoni u wara li qieset li l-akkuzat irritorna l-affarijiet li kienu fil-pussess tieghu, ssib lill-akkuzat hati, tikkundannah piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal erba' snin. Filwaqt li a tenur tal-Artikolu 412C tordna li l-istess akkuzat sabiex bl-ebda mod ma' jersaq jew jikkomunika direttament jew indirettament ma' Antonella Carter Olivari.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------